**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Gunju, 2002

**Numru 35**

**Avviz. numru 1578/01JR**

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li flimkien jiffurmaw id-ditta assikuratrici ossia syndicate ta' Lloyds li jgib in-numru 314 u joperaw taht l-isem C.F Palmers & Others u Rausi Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali ta' l-istess ditti kif dawn id-ditti jinsabu surrogati fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Dr. Elizabeth Vella M.D. u l-istess Dr. Elizabeth Vella M.D.**

**vs**

**Thermoseal Limited u b'digriet tat-2 ta' Mejju, 2002 giet ordnata l-korrezzjoni billi jigi mnizzel Thermaseal Ltd flok Thermoseal Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u lira Maltija (Lm501.00), ghal hsarat fil-vettura tal-marka Peugeot bin-numru IAE-103 proprjeta` ta' Dr. Elizabeth Vella M.D. li l-haddiema tas-socjeta` konvenuta ghamlu fuq l-istess vettura meta din kienet wieqfa waqt li kienu qed jaghmlu xogholijiet. Dawn id-danni jikkonsistu f'tlett mija tmienja u sittin lira Maltija (Lm368.00) spray, tletin lira (Lm30.00) polish, disgha u sittin lira (Lm69.00) car hire, hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) excess, sitt liri (Lm6.00) survey fees u tlett liri (Lm3.00) police report;**

**L-atturi qeghdin jitolbu wkoll l-ispejjez ta' l-ittri legali tal-5 ta' Lulju, 1997, tal-25 t'April, 1998, tal-15 ta' Mejju, 1998, tal-5 ta' Lulju, 1998, u tat-2 ta' Frar, 2000, u ta' l-ittri ufficjali tas-17 ta' Lulju, 1998 u tat-12 ta' Lulju, 2000 u l-imghaxijiet mis-17 ta' Lulju, 1998.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fis-16 ta' Jannar, 2002, fejn intqal:**

- **i. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante illi l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza;**
- **ii. illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici huwa eccessiv;**

**iii. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Elizabeth Vella, Dr. Paul Gauci Maistre, Kaptan Stephen Micallef, Joseph Saviour Borg u Raymond Formosa. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **L-attrici qed tirreklama danni kagunati fil-vettura taghha mis-socjeta` konvenuta meta din is-socjeta` kienet qed taghmel xoghol ta' insulation fuq il-bejt vicin ta' fejn kienet parkeggjata l-vettura ta' l-attrici.**
2. **Skond l-attrici, waqt li kienet parkeggjata, tar xi materjal ghal fuq il-vettura taghha bil-konsegwenza li biex nehhiet t-tbajja kagunati kellha tisprejja.**
3. **L-incident gara fis-7 ta' Mejju, 1997, ghall-habta tas-1.15p.m. meta l-attrici kellha l-vettura taghha IAE-103 parkeggjata fi triq ix-Xambokk, Bahar-ic-Caghaq, fejn tirrisjedi. Kienu ghaddew xi ghxrin minuta bejn meta dahlet fid-dar u semghet storbju u harget tara, u sabet tikek fuq il-karozza taghha. Kien qed isir xoghol ta' insulation fuq il-bejt ta' fond adjacenti u l-attrici marret tkellem lill-manager li kien qed jiehu hsieb ix-xogholijiet li qalilha li kienu rcevew ilmenti ohra f'dan is-sens.**

**4. L-attrici hadet il-karozza ghand tal-Peugeot li qalu li l-ispray kien imtaqqab. Ippruvat tippolixja pero` xorta ma' marrux il-marki. Ghalhekk l-attrici kellmet lill-assikurazzjoni li qalulha biex tisprejjha. Sewwiet u hallsitilha l-assikurazzjoni.**

**5. Il-Kaptan Stephen Micallef, surveyor imqabbad minn Lloyds, ghamel survey fuq il-karozza, u kkonferma li kellha tigi sprejjata. Kien ipprova jnehhi t-tikek bil-polish pero` ma rnexxilux.**

**6. Joseph Borg, direttur tas-socjeta` konvenuta, ikkonferma li fil-jum in kwistjoni kienu qed jisprejjaw polyurethane fuq il-bejt taht liema pparkjat l-attrici. Skond Borg kien hemm persuna ohra li kellha l-istess problema, pero` dana kien nehha t-tikek u ma regax ikkuntattjahom.**

**7. Raymond Formosa xehed li kien hadem fuq xi hamsa u ghoxrin karozza bi problemi simili, ppolxjahom u kollox gie sew.**

**8. Ghalhekk minn analisi tal-fatti jirrizulta li it-tikek li kellha l-attrici fuq il-vettura taghha gew kagunati minhabba l-ispray li kien qed jaghmlu s-socjeta` konvenuta. Jirrizulta wkoll li f'dan il-kaz partikolari, kienu saru tentative biex jigu evitati spejjez akbar, pero` finalment, kif xehed is-surveyor il-Kaptan Stephen Micallef, il-vettura kellha tigi sprejjata.**

**9. Ix-xogholijiet fuq il-vettura saru skond is-survey esebit, u l-kontijiet relattivi gew esebiti, u dawna jammontaw ghall-ammont reklamat. Fic-cirkostanzi t-talba attrici tidher gustifikata.**

**10. It-Tribunal, dwar l-ispejjez jirrileva li kienu inkitbu hames ittri legali u zewg ittri ufficjali. F'dan il-kuntest kif gja ritenut diversi drabi minn dan it-Tribunal, ma kienx hemm in-necessita` li jinkitbu dawn l-ittri kollha, u fil-konfront it-Tribunal qed jilqa' biss l-ispejjez ghall-dak li jirrigwarda zewg ittri legali u zewg ittri ufficjali.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici u lill-attrici s-somma ta' hames mija u lira Maltija (Lm501.00), in kwantu ghall-erba' mija u sitta u sebghin lira Maltija (Lm476.00) dovuta lis-socjeta` attrici, u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) dovuta lill-attrici, u dawna bl-imghaxijiet legali dekoribbli mis-17 ta' Lulju, 1998.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri legali tal-5 ta' Lulju, 1997 u tal-25 t'April, 1998, u dawk ta' l-ittri ufficjali tas-17 ta' Lulju, 1998 u tat-12 ta' Lulju, 2000, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**